MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 752/1999/1

**Rita Seguna bhala mandatarja specjali ta' Charles Seguna**

**v.**

**Loren Rita Abela; u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1999, l-Avukat Dottor Stephen Thake intervjena fil-kawza *in statu et terminis* bhala Segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u din ghan-nom ta' John Neal f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikurattrici "Ensign Motor Policies at Lloyds"; u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2001, issejjah fil-kawza Patrick Abela**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-30 ta' Marzu 1999, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:
"Billi fl-14 ta' Lulju 1994, ghall-habta tal-11.30 p.m. fil-Coast Road limiti Salina, il-konvenuta li kienet qed issuq Morris 1000 numru C-9840 fid-direzzjoni ta' St Andrews, kisret hesrem lejn il-lemin u b'hekk ghalqet it-triq tal-motor cycle Kawasaki numru Q-7343 misjuq mill-konvenut u habtet mieghu;

"Billi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra hsarat konsiderevoli fil-motor cycle tieghu tant li gie dikjarat 'beyond economical repair' kif ukoll sofra feriti ta' natura gravi u debilitazzjoni permanenti fuq il-persuna tieghu (kif jirrizulta mir-rapport mediku esebit bhala Dok. B) u konsegwentement sofra u sar jibqa' jsofri danni ingenti.

"Billi dan l-incident gara b'tort u htija tal-konvenuta imhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, u dan jinghad b'mod partikolari ghal fatt li qabdet u kisret hesrem lejn il-lemin biex b'hekk imblokkat it-triq minn fejn kien gej l-attur minn warajha meta kien ghaddej ghall-affari tieghu.

"Tghid il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

"(1) m'ghandux jigi dikjarat u deciz li l-incident ta' l-14 ta' Lulju 1994, fil-Coast Road Limiti Salini hawn fuq imsemmi gara b'tort u htija tal-konvenuta imhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha hi u qed issuq il-vettura numru C-9840;

"(2) m'ghandhiex l-istess konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghad-danni li sofra u li qed isofri l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

"(3) m'ghandhomx jigu likwidati dawn id-danni, jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi;

“(4) m’ghandhiex l-istess konvenuta tigi kkundannata li thallas lill-attur l-ammont ta’ danni hekk likwidata.

“Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Frar 1996, tat-30 ta’ Dicembru 1997, u dawk ta’ l-ittra ufficjali kontra l-assikuraturi tal-konvenuta prezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenuta li tibqa’ mharrka ghas-subizzjoni.”

Rat id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-4 ta’ Gunju 1999, li in forza taghha awtorizzat lill-Avukat Dottor Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Ltd u din ghan-nom ta’ John Neal f’ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikuratrici Ensign Motor Policies at Lloyds sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat in-nota ta’ l-eccezzonijiet (sic) ta’ l-imsemmi Avukat Dottor Stephen Thake nomine li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi, l-vettura illi kienet qeghda tigi misjuqa mill-konvenut dakinhar ma kenitx koperta minn polza ta’ assikurazzjoni mahruga mill-esponent u ghalhekk ma hemmx l-obbligu ta’ l-esponent illi jaghmel tajjeb ghad-danni kkawzati lil terzi mill-uzu tal-vettura u ghalhekk l-esponent ghandu interess guridiku f’din il-kawza u dan sabiex jipprova illi din il-vettura ma kenitx koperta minn polza ta’ l-assikurazzjoni mahruga mill-esponent b’mod illi skond il-Ligi ma jistghux jigu invokati kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104;

“2. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi t-talbiet tieghu jistghu jkunu preskritti bid-dekors ta’ sentejn salv kull verifika tan-notifiki ta’ l-ittri ufficjali li saru.

“2. Illi Rita Seguna ghandha tipprova l-mandat taghha f’din il-kawza stante illi mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax illi giet esebita xi prokura.

"3. It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi Loren-Rita Abela ma kenitx responsabbli ghad-danni kkagunati. Fi kwalunkwe kaz, jista' hemm allegazzjoni ta' debilitazzjoni permanenti illi hija assolutament inveritjera. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 2001, li in forza tieghu laqghet it-talba ta' l-attrici biex jissejjah fil-kawza Patrick Abela;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Patrick Abela li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici fil-konfront tieghu hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, kif inhi wkoll preskritta kull azzjoni penali ohra naxxenti mis-sewqan kif premess fit-talbiet attrici jew ghal xi raguni ohra ai termini ta' l-Artikolu 2154(1) bid-dekors ta' hames snin.

"2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident mertu tal-kawza sar tortament uniku ta' l-attur Charles Seguna.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2004, li biha ddecidiet il-kawza billi:
"wara li tiċħad l-eżżezzjonijiet ta' preskrizzjoni, tgħid illi l-ħtija kienet kollha ta' l-imsejjaħ fil-kawża u għalhekk dan għandu jagħmel tajjeb, mill-beni tiegħu u tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu l-konvenuta, għad-danni li ġarrab l-attur; tillikwida d-danni fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u erbgha u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm55,924.50) u tikkundanna lill-imsejjaħ fil-kawża jħallas lill-attur ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm55,924.50) flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“B’rikors tat-3 ta’ Ġunju 1999[1] is-soċjeta’ *Laferla Insurance Agency Limited* talbet illi titħalla tidħol fil-kawża f’isem John Neal u f’isem id-ditta assikuratriċi *Ensign Motor Policies at Lloyds*. It-talba ntlaqgħet b’dikriet ta’ l-4 ta’ Ġunju 1999, u *Laferla Insurance Agency Limited nomine* ressqet l-eċċezzjoni[2] illi l-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut (*sic*) ma kinitx koperta minn polza ta’ assikurazzjoni maħruġa mir-rappreżentanti tagħha, u għalhekk dawn ma humiex marbuta li jagħmlu tajjeb għad-danni lil terzi.

“Mir-rapport tal-pulizija[3] jidher illi s-sewwieqa tal-vettura li laqtet il-mutur ta’ l-attur kienet il-konvenuta Loren Rita Abela; il-pulizija saret taf dan mingħand Loren Rita Abela stess u mingħand żewġha Patrick Abela, li kien riekeb magħha. Meta xehdu kemm Loren Rita Abela[4] kif ukoll Patrick Abela[5] qalu illi Loren Rita Abela kienet qiegħda ssuq.

“Loren Rita Abela ġiet kontro-eżaminata fis-seduta tas-26 t’Ottubru 2001 u, wara li kienet magħfusa bil-mistoqsijiet, fl-aħħar stqarret illi mhux hi kienet qiegħda ssuq iżda żewgha Patrick[6].

“Wara li sar jaf illi s-sewwieq kien Patrick Abela, l-attur fit-30 t’Ottubru 2001 talab illi Patrick Abela jissejjaħ fil-kawża. Il-qorti, b’dikriet mogħti dakinhar stess, wara li qieset illi kien minħabba qerq tal-konvenuta u ta’ l-istess Patrick Abela illi l-kawża inizjalment saret kontra l-konvenuta biss, u illi min iqarraq ma għandux jitħalla jieħu benefiċċju mill-qerq tiegħu stess, laqgħet it-talba u ordnat illi Patrick Abela jissejjaħ fil-kawża[7]. Patrick Abela ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

---

1 *Fol.* 18

2 *Fol.* 21

3 F*oll.*185 *et seq.*

5 Ara x-xhieda ta’ Patrick Abela fis-seduta tal-11 t’Ottubru 2001, *foll.* 113 *et seqq.*

6 *Fol.* 285.

7 *Foll.* 286 *et seq.*

"1. l-azzjoni ta' l-attur kontra tiegħu waqgħhet bi preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u waqgħet ukoll bi preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2154(1) tal-kodiċi Ċivili kull azzjoni penali minħabba s-sewqan tiegħu jew għal kull raġuni oħra; u

"2. fil-meritu, l-inċident seħħ bi ħtija ta' l-attur Charles Seguna.
Qabel ma nidħlu fil-meritu ta' l-azzjoni, inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża.

"L-istitut tal-preskrizzjoni estintiva huwa maħsub biex jippenalizza lill-kreditur li huwa traskurat fil-ħarsien tal-jeddijiet tiegħu u li jħalli sospiżi u pendenti għal żmien twil wisq ir-relazzjonijiet legali – *vigilantibus non dormientibus iura subveniunt*; hija meħtieġa wkoll għax mingħajrha debitur li jkun ħallas ikollu jżomm ir-riċevuti kollha għal dejjem ta' kull ħlas li qatt għamel hu u l-awturi tiegħu; il-preskrizzjoni estintiva iżda ma hijiex maħsuba biex tħares l-interessi ta' min, bil-qerq u bil-gideb, ifittex li jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu. Għalhekk, il-preskrizzjoni ma tgħaddix kontra dak il-kreditur li, minħabba l-qerq tad-debitur tiegħu, ma jistax imexxi kontrieh: *contra non valentem agere non currit prœscriptio.*

"Dan jidher ċar ukoll mill-art. 1223(1) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba għemil doluż jibda jgħodd biss minn dakinhar li jinkixef il-qerq. Il-ligi ma tridx li min iqarraq jieħu vantaġġ mill-qerq tiegħu u, fil-każ ta' l-imsejjaħ fil-kawża, li b'qerq u b'gideb ħeba l-identita' tiegħu, il-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tgħaddi favur tiegħu ħlief minn dakinhar meta nkixef il-qerq u sar magħruf li s-sewwieq kien hu u mhux martu.

"Il-qerq inkixef waqt is-seduta tas-26 t'Ottubru 2001, u n-notifika saret fil-5 ta' Diċembru 2001, anqas minn sentejn wara.

"L-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża huma għalhekk miċħuda.

"Ma hux meħtieġ li nqisu wkoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta, issa li nafu illi ma kinitx din li għamlet l-att kolpuż. Tibqa' interessata fil-kawża, u ma hux il-każ li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax għad-danni twieġeb il-komunjoni ta' l-akkwisti taħt l-art. 1327 (f) tal-Kodiċi Ċivili iżda, ladarba l-awtur ta' l-att li wassal għal din il-kawża (bla ħsara, għalissa, għall-kwistjoni, li nqisuha aktar 'il quddiem, jekk il-ħtija kinitx ta' żewġha jew ta' l-attur) kien żewġha, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni kontra dan hija biżżejjed biex tkun sospiża wkoll kontra l-komunjoni.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu ta' l-inċident.

"L-attur xehed illi kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu fit-triq tas-Salini, sejjer minn Buġibba lejn San Ġiljan. Hekk kif wasal quddiem il-*Coastline Hotel*, ħarġet mill-ġenb tat-triq fuq ix-xellug tiegħu, fejn hemm *parking bay*, il-vettura li llum nafu li kienet misjuqa mill-imsejjaħ fil-kawża u qasmet quddiemu. Hekk kif ġiet quddiem l-attur dan fittex li jilwi biex ma jibqax dieħel fiha, iżda l-vettura l-ohra ma kinitx ħallietlu ħin jew spazju biżżejjed u l-attur baqa' dieħel gor-rota ta' quddiem tal-karozza. Bid-daqqa l-attur intefa' ma' l-art u korra sew. Kemm il-mutur kif ukoll il-karrozza spiċċaw fin-naħa l-oħra tat-triq, *i.e.* fil-karreġġjata li tieħu lejn Buġibba.

"Il-konvenuta u l-imsejjaħ fil-kawża irrakkontaw verżjoni oħra. Il-konvenuta qalet li kienu sejrin mis-Salini lejn tas-Sliema meta semgħu mutur ġej minn warajhom. Billi huma kienu lejn in-nofs tat-triq, b'wisa' sew lejn ix-xellug tagħhom, stennew illi l-mutur sejjer jaqbiżhom mix-xellug. Għalhekk ġibdu aktar lejn il-lemin iżda l-mutur dak il-ħin kien ukoll qiegħed joħrog lejn il-lemin biex jaqbiżhom minn hemm; għalhekk ġara li sabhom quddiemu u baqa' dieħel fihom.

"Din il-verżjoni ma tagħmilx wisq sens, għax jekk il-karrozza kienet ga' lejn in-nofs tat-triq u s-sewwieq ħaseb illi l-mutur kien se igħaddi mix-xellug, is-sewwieq tal-

karrozza ma kellux għalfejn jagħmel liwja hekk drastika li tefgħet il-karrozza fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

"L-imsejjaħ fil-kawża – is-sewwieq – qal illi lill-mutur ta' l-attur kien rah ġej minn warajhom u fuq in-naħa l-oħra tat-triq, *i.e. wrong side*. F'xi ħin il-mutur kiser lejn ix-xellug, lejhom, bħallikieku biex jevita li jaħbat ma' xi karrozza oħra ġejja mid-direzzjoni opposta. Għalhekk, biex ma jaħbatx mal-mutur, kiser lejh.

"Din il-verżjoni wkoll ma tagħmilx sens, għax jekk l-imsejjaħ fil-kawża ra l-mutur ġej lejh, kien jikser lejn in-naħa l-oħra, u mhux jikser aktar lejh, biex jevitah.

"Il-verita' hi li l-konvenuti gidbu mhux biss dwar min minnhom kien qiegħed isuq iżda wkoll gidbu u baqgħu jigdbu dwar kif seħħ l-inċident.

"Il-konvenuta u l-imsejjaħ fil-kawża u x-xhud tagħhom Kenneth Abela wkoll gidbu meta qalu x'sar mill-għarusa ta' Kenneth li kienet magħhom. Il-konvenuta qalet li l-għarusa ta' Kenneth telqet qabel għax marret b'tal-linja[8], iżda Kenneth qal li kienet riekba fuq wara, ħdejh, u kienu sejrin iwassluha r-Rabat[9]. Li ġara hu li x'aktarx beżgħu illi tikxifhom fil-gidba dwar min minnhom kien qed isuq u ma ridux li tinġieb biex tixhed: għalhekk qalu li ma kinitx riekba magħhom, imma Kenneth Abela kixifhom!

"Quddiem dawn il-falzitajiet kollha tal-konvenuta u ta' l-imsejjaħ fil-kawża, il-qorti ma tarax kif tista' temmen xi ħaġa minn dak li jgħidu. Għalhekk il-qorti temmen illi l-inċident seħħ kif qal l-attur: illi l-imsejjaħ fil-kawża ħareġ mill-*parking bay* u daħal fit-triq bla ma qabel ra setax jagħmel hekk bla ma jfixkel traffiku li, għax ġa' kien fit-triq, kellu preċedenza. Din il-manuvra bla għaqal ġibitu quddiem l-attur li ma kellux ħin u spazju biżżejjed biex jevita l-ħabta. Il-ħtija għalhekk hija kollha ta' l-imsejjaħ fil-kawża.

8 *Fol.* 108 u *fol. 256.*

9 *Fol.* 130.

"Bħala *damnum emergens* l-attur qiegħed jitlob elf, tliet mija u tmenin lira (Lm1,380), kif jidher mill-prospett minnu esebit[10]. Billi din is-somma tirriżulta mir-riċevuti u xhieda oħra prodotta mill-attur, il-qorti toqgħod fuqha u tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' elf, tliet mija u tmenin lira (Lm1,380).

"Għall-għanjiet ta' likwidazzjoni ta' *lucrum cessans*, il-qorti b'dikriet tat-3 t'Ottubru 2000[11] ħatret lit-Tabib Eddie Aguis bħala espert mediku biex igħid l-attur ġarrabx debilita' permanenti. L-espert irrelata fil-5 ta' Diċembru 2002[12] u sab illi l-attur ġarrab debilita' permanenti ta' wieħed u għoxrin punt ħamsa fil-mija (21.5%). Fl-aħħar tar-rapport tiegħu l-espert qal illi hemm fatturi oħra, bħad-dannu psikoloġiku, li wkoll inaqqsu l-kapaċita' ta' l-attur li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu għal xogħol li jħalli qligħ, hija tal-fehma illi l-attur ibati minn debilita' permanenti ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%).

"L-attur kellu tlieta u għoxrin (23) sena meta korra; kien għadu jibda l-ħajja tax-xogħol u għalhekk *multiplier* xieraq ikun ta' tletin (30) sena.
Meta seħħ l-inċident l-attur kellu dħul medju mix-xogħol ta' bejn wieħed u ieħor sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) fis-sena[13]. Meta tqis illi kien għadu jibda l-ħajja tax-xogħol u għalhekk kellu potenzjal illi jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu, u meta tqis ukoll illi trid tagħmel tajjeb għaż-żjidiet li x'aktarx jingħataw matul it-tletin (30) sena tal-*multiplier*, il-qorti sejra timxi fuq dħul medju ta' tmint elef u ħames mitt lira (Lm8,500) fis-sena.

"Tmint elef u ħames mitt lira (Lm8,500) fis-sena għal tletin (30) sena jiġu mitejn u ħamsa u ħamsin elf lira (LM255,000). Id-debilita' ta' l-attur hija ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%) u għalhekk il-*lucrum cessans* jiġi tmienja u ħamsin elf, sitt mija u ħamsin lira (Lm58,650). Trid tqis ukoll illi l-attur sejjer jieħu bil-quddiem id-dħul ta' tletin (30)

---

10 *Fol.* 157

11 *Fol.* 35

12 *Foll.* 295 *et seqq.*

13 *Fol.* 144.

sena li, iżda, ġa’ għaddew għaxar (10) snin minnhom; għalhekk għandu jsir tnaqqis ta’ sebgħa fil-mija (7%), b’dan illi l-imgħax jibda jgħaddi millum. Il-*lucrum cessans* li għalih għandu jagħmel tajjeb l-imsejjaħ fil-kawża għalhekk jiġi erbgħa u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm54,544.50)

*“Damnum emergens* u *lucrum cessans* b’kollox jiġu ħamsa u ħamsin elf, disa’ mija u erbgħa u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm55,924.50).”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attrici noe;

Rat ir-risposta tal-konvenuta u tal-kjamat fil-kawza;

Rat ir-rispsota ta’ l-Avukat Dottor Stephen Thake noe;

Rat l-appell incidentali pprezentat mill-konvenuta u l-kjamat fil-kawza;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici noe ghall-appell incidentali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija rizultat ta’ incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta’ Lulju 1994, bejn mutur tat-tip Kawasaki numru Q-7343 misjuq minn Charles Seguna, u vettura tat-tip Morris 1000 numru C-9840.  Originarjament kien indikat lill-Qorti li din il-karozza kienet misjuqa mill-konvenuta Loren Rita Abela, izda fil-mori tal-kawza, hareg li, fil-fatt, il-karozza kienet misjuqa minn illum zewgha, il-kjamat fil-kawza Patrick Abela.  L-ewwel Qorti wara li sabet li responsabbli ghall-incident kien is-sewwieq tal-karozza Morris 1000, iddecidiet li l-htija kollha kienet tal-kjamat fil-kawza, u kkundannatu, flimkien ma’ martu l-konvenuta bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti

ezistenti bejniethom, ihallas id-danni kollha li gew likwidati fis-somma ta’ Lm55,924.50.

Minn din is-sentenza resqet appell l-attrici nomine, u hemm appell incidentali tal-konvenuta u tal-kjamat fil-kawza.

L-aggravju ta’ l-attrici nomine jikkonsisti fil-fatt uniku li, skond hi, l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi l-“eccezzjoni” maghmula mill-intervenut Avukat Dottor Stephen Thake nomine;

L-appell incidentali in kwantu jikkoncerna lil Loren Rita Abela huwa limitat ghall-fatt li, ladarba hi ma kenitx issuq il-vettura in kwistjoni fil-hin ta’ l-incident, ma kellhiex tinzamm responsabbli ghall-hlas tad-danni flimkien ma’ zewgha.

Fl-appell incidentali l-kjamat fil-kawza, Patrick Abela, iressaq zewg aggravji:
(i) li l-azzjoni kwantu diretta kontra tieghu, kellha tigi dikjarata preskritta kemm fit-termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, kif ukoll skond l-Artikolu 2154(1) ta’ l-istess Kodici Civili; u

(ii) li fi kwalunkwe kaz l-ammont likwidat mill-Qorti a favur l-attur huwa ezorbitanti.

Din il-Qorti sejra, fl-ewwel lok titratta l-appell principali mressaq mill-attrici nomine. Din mhux qed tilmenta kontra s-sentenza sa fejn din laqghet it-talbiet taghha, izda qed tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ddecidietx l-“eccezzjoni” sollevata mill-intervenut fis-sens li fil-hin ta’ l-incident, il-karozza Morris 1000, kif misjuqa minn Patrick Abela ma kenitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

Issa, ghandu jigi rilevat, in bazi ghal gurisprudenza pacifika, l-intervenjenti ma hux “parti” jew kontendenti fil-kawza, fis-sens li hu ma jsirx la attur u lanqas konvenut (ara Deciz. Kollez. Vol. XII.53 u Vol. XXXI.I.321) Fil-kawza **“Cortis v. Staines”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Gunju 1936 (Vol. XXIX.II.1116) intqal ukoll li

l-intervent tant mhux parti fil-kawza li la jista' jigi liberat u lanqas kundannat; fil-fatt, kompliet tghid dik il-Qorti "ma jistghux jigu applikati, fit-tassazzjoni ta' l-onorarju tad-difensuri tieghu l-kriterji normali, dipendenti per regola mid-domanda jew mill-ottenut, jew dipendenti talvolta min-natura ta' l-eccezzjonijiet". Ladarba, l-intervenjenti ma huwiex "parti" fil-kawza, ma tistax tinghata decizjoni fil-konfront tieghu, u jithalla jintervjeni jekk ghandu interess fil-kawza <u>kif proposta</u> u mhux biex isostni xi interess partikolari ghalih. Tant mhux parti fil-kawza, li, il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza **"Cremona v. Ministru ghall-Izvilupp u Infrastruttura"** deciza fid-29 ta' Novembru 1989, osservat li s-sentenza ma tkunx nulla jekk l-intervenjent ma jidhirx fl-okkju tal-kawza. Fil-fatt, din il-Qorti, fil-kawza **"Psaila v. Biggerstaff"**, deciza fis-7 ta' Novembru 1988, osservat li d-decizjoni li tinghata f'kawza, ma jkollha ebda effett fuq l-intervenut volontarju. Darba hu hekk, ghamlet sew l-ewwel Qorti li ma ppronunzjatx ruhha fuq il-kwistjoni sollevata mill-intervenjent li, fil-verita`, hi estranea ghall-meritu tal-kawza kif proposta mill-attrici nomine.

Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **"Fogg Insurance Agencies Ltd noe v. Tabone"** deciza fit-28 ta' April 2004,
"Huwa mbaghad ukoll evidenti hafna illi fuq il-bazi ta' l-istess kontenzjoni sostenuta minnha, u l-Qorti tenfasizza dan l-aspett paritkolari f'dan il-kaz, l-istess socjeta` appellanti ma setghetx lanqas tissodisfa lill-Qorti li kellha "interess" tintervjeni fil-gudizzju a norma ta' l-Artikolu 960 tal-Kap. 12 billi din ma setghetx, fuq dik il-bazi, tiddemostra interess sostanzjali u reali, imma biss interess derivattiv fl-ezitu. Interess li l-ligi specjali (Kap. 104) tirrizervalha biss 'ex post facto' l-hlas tar-rizarciment u fil-konfront tal-persuna assigurata."

Socjeta` assikuratrici jista' jkollha interess tintervjeni f'kawza biex tiddefendi klijent taghha li qed jigi akkuzat li hu kien responsabbli ghal xi incident awtomobilistiku, ghax b'dan il-mod tkun qed tiddefendi l-interess <u>ta' parti</u> f'kawza, pero`, ma tistax tippretendi li bl-intervent taghha,

il-Qorti titratta u tiddeciedi materja li jinteressa lilha, izda mhux il-meritu tat-talbiet attrici.

L-appell incidentali ta’ l-attrici hu ghalhekk michud.

L-appell incidentali tal-konvenuta Loren Rita Abela huwa wkoll mhux fondat u dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili. Skond is-subartikolu (l), huwa dejn tal-komunjoni ta’ l-akkwisti:
“Kull dejn jew indennizz dovut bhal rimedju Civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indenniz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.”

Dan ifisser li meta kumpens lil xi persuna jkun dovut rizultat ta’ “reat maghmul bir-rieda” minn parti wahda fiz-zwieg, dak id-dejn ma jkunx ta’ piz fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti, izda biss fuq l-assi partikolari ta’ dik il-persuna li tikkommetti r-reat. Meta, min-naha l-ohra, il-kumpens ikun dovut rizultat ta’ xi negligenza, traskuragni jew *culpa*, allura dak id-dejn jidhol fil-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Ghalhekk, jekk bejn kopja jopera r-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti (kif jidher li hu l-kaz tal-konjugi Abela), il-piz tal-hlas ta’ kumpens ghall-hsara kagjonata mhux b’“reat maghmul bir-rieda”, jintrefa’ mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Kwindi l-kudanna ta’ l-ewwel Qorti, fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kjamat fil-kawza u bejn martu l-konvenuta, kienet gusta, darba li, fil-fehma taghha, il-kjamat fil-kawza kien responsabbli ghall-incident.

Nigu issa ghall-appell incidentali ta’ Patrick Abela.

Dan mhux qed jappella mid-dikjarazzjoni ta’ responsabblita` ghall-incident; hu fil-fatt, kontra s-sejba ta’ htija ma ressaqx appell, peress li l-aggravju principali tieghu huwa kontra l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata. L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio*. Il-kjamat fil-kawza jissottometti li dan il-principju, regolat fl-istitut tal-kuntratti, mhux applikabbli meta si tratta ta’ delitt jew kwazi delitt. F’kull kaz,

jissottometti li, f'dan il-kaz, l-attur kien konxju tac-cirkostanzi veri tal-kaz u ma kien hemm ebda ostakolu li hu jagixxi kontra l-persuna responsabbli fi zmien utili.

Il-kwistjoni nqalghet peress li, originarjament, is-sewwieq tal-karozza Morris 1000 giet identifikata bhala Loren Rita Abela; kien biss fil-kors tas-smigh tal-provi li hareg li s-sewwieq, fil-fatt, kien Patrick Abela u giet ordnata l-kjamata fil-kawza tieghu. Peress li l-incident sehh fl-14 ta' Lulju 1994, u dan Patrick Abela gie msejjah fil-kawza biss fit-30 ta' Ottubru 2001 (aktar minn seba' snin wara l-akkadut), giet eccepita l-preskrizzjoni ta' sentejn jew ta' hames snin. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li qalet li l-attrici giet zgwidata meta ntqal lilha li s-sewwieqa tal-karozza kienet Loren Rita Abela, u ladarba din il-misinformazzjoni kienet rizultat ta' ghemil doluz, mhux lecitu li l-kjamat fil-kawza jithalla jiehu vantagg mill-ghemil qarrieqi tieghu.

Din il-Qorti, fl-ewwel lok, tafferma li l-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio* ma japplikax biss f'kaz ta' kuntratt, izda anke f'kaz ta' delitt. Il-**Giorgi ("Teoria della Obbligazione"** Vol. VIII para. 245) jsostni li dan il-principju ghandu applikazzjoni generali. Hu jghid li l-fondament tal-preskrizzjoni hija l-inerzja tal-kreditur li jagixxi in kawtela tad-drittijiet tieghu fiz-zmien utili, hu jkompli, pero`, li "*non vi e` inerzia del creditore, quando manca la possibilita` giuridica di esperimentare l'azione*". Dan il-principju gie applikat minn din il-Qorti f'diversi kawzi, fosthom **"Bianco v. Demarco"**, deciza fit-2 ta' Gunju 1930, **"Attard et v. Fenech"**, deciza fit-12 ta' Frar 1965, u **"Gerada et v. Caruana"**, deciza fit-30 ta' Mejju, 1969.

F'kaz li l-impediment ikun ta' fatt, il-**Giorgi** (ibid para. 246) jaghmel din l-osservazzjoni:
"Per contario non c'e` sospensione, quando l'ostacolo sia di vero fatto, o come dicesi altrimenti, di forza maggiore; o peggio, se dipenda dall'ignoranza del creditore, salvoche` l'impedimento provenga dal fatto dello stesso debitore, che, per esempio, sottraendo il titolo al creditore per frode o per forza l'abbia messo nell'impossibilita` di agire. In

questo caso, se la prescrizione si compie, il debitore stesso ne rimane responsabile e tenuto a indennizzare il creditore: il che equivale nell'effetto a mantenere sospesa la prescrizione."

Dan il-principju gie applikat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'zewg kawzi li ghandhom xebh ghal meritu ta' din il-kawza, peress li anke f'dawk il-kawzi, il-vera sewwieq ta' vettura involuta f'incident heba l-identita` tieghu sakemm skada t-terminu preskrittiv: iz-zewg kawzi huma **"Galea v. Attard"**, deciza fis-26 ta' Mejju 2004, u **"Ellul v. Testa"** deciza fis-7 ta' Frar, 2005.

Fl-ewwel kawza msemmija (dik fl-ismijiet **"Galea v. Attard"**) l-attur kien involut f'incident tat-traffiku u pproceda fil-Qorti ghad-danni kontra l-persuna indikata bhala s-sewwieq fir-Road Accident Report tal-Pulizija. Eventwalment, harget il-verita` li kienet persuna ohra (in-neputi tal-konvenut) li kienet qed issuq il-vettura involuta fl-incident. Din il-persuna giet msejha fil-kawza. Il-Qorti ma accettatx l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imsejjah fil-kawza, u ghamlet din l-osservazzjoni:
"Hu naturali illi l-qaghda hekk raggunta tidderiva minn kawza estrinseka li l-attur ma setax jirrimuovi qabel ma giet determinata, bi proceduri idonei, il-falsita`. Fil-fehma tal-Qorti meta kienet tikkonkorri din is-sitwazzjoni, l-ostakolu kellu jitqies li jaghti lok ghas-sospensjoni."

Dik il-Qorti, pero, ghamlet osservazzjoni ohra ta' importanza kbira. Hi waslet ghall-konkluzjoni li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, peress li ma kienx jidher "li gie ppruvat minghajr ombra ta' dubju illi l-attur kien konxjament jaf minn qabel il-proponiment ta' l-azzjoni illi s-sewwieq ma kienx il-konvenut izda neputih".

Il-kjamat fil-kawza f'din il-kawza qed jallega li l-attur kien jaf min kien il-veru sewwieq "imma ried jagixxi kontra Loren Rita Abela ghaliex hija kienet inxurjata filwaqt illi Patrick Abela ma kienx inxurjat". Jekk jirrizulta li l-attur kien jaf min kien is-sewwieq, u allura kien komplici f'agir qarrieqi, ma jistax issa jitlob l-assistenza ta' dawn il-Qrati – *ex turpi causa non oritur actio*.

L-ewwel Qorti ma jidhirx li dahlet f'din il-kwistjoni, u wara li ravvizat agir qarrieqi da parti tal-kjamat fil-kawza u martu, qieset it-terminu ta' preskrizzjoni sospiz. Jidher li l-ewwel Qorti ma kenitx konvinta li l-attur kien komplici fil-fordi, u ma accettatx it-tezi tal-kjamat fil-kawza li l-attur kien jaf, mill-bidunett, minn verament kien qed isuq il-karozza.

Mhux normali li din il-Qorti tvarja l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti wara li dik il-Qorti tkun ghamlet apprezzament tal-provi migjuba quddiemha, specjalment meta dik il-Qorti tkun semghet ix-xhieda hi *viva voce* u ghalhekk, ikollha l-opportunita` tqis u tezamina l-komportament tax-xhieda fuq il-pedana. Lill-attur sarlu kontro-ezami fit-tul u impenjattiv quddiem l-ewwel Qorti, u dik il-Qorti ma gietx konvinta li l-attur kien jaf min kien il-veru sewwieq. Din il-Qorti ezaminat, bid-debita reqqa, ix-xiehda prodotta, spjecjalment ta' l-attur, u bhall-ewwel Qorti qabilha mhux konvinta li gie ppruvat u li l-attur kien jaf minn qabel il-ftuh tal-kawza min kien is-sewwieq.

Hu veru li Charles Galea, il-*claims manager* tas-socjeta` intervenjenti, xehed li l-attur kien cempillu u qallu li d-driver tal-karozza Morris 1000 ma kenitx Loren Rita Abela izda Patrick, izda mhux biss il-kuntest ta' din it-telefonata u l-ispjegazzjoni taghha thalli ftit dubji dwar l-ezattezza tal-konversazzjoni, izda l-attur, meta xehed, spjega li hu, lis-socjeta` ta' l-assikurazzjoni, qalilha li ma kienx ra min kien qed isuq il-karozza, u peress li hafna drabi jinnota lil Patrick Abela jsuq il-karozza (peress li dan joqghod fil-vicinanzi), osserva wkoll li seta' kien hu li qed isuq il-karozza flok Loren Rita Abela. Veru li l-attur jghid li kien jaf li Patrick Abela mhux kopert b'assigurazzjoni ghax kien taht l-eta`, pero` kien taht l-impressjoni wkoll li anke Loren Rita Abela ma kenitx koperta (fil-fatt, Charles Galea, il-claims manger, jghid li hi ma kenitx) u allura ma setax kellu interess jiddikjara mod flok iehor minhabba l-assikurazzjoni. Il-fatt li l-attur kellu dubju dwar jekk, fil-fatt, kenitx Loren Rita Abela li kienet qed issuq il-karozza ma jfissirx li hu kien koxxjenti ta' xi falsita`. Il-kjamat fil-kawza jghid ukoll li hadd ma kien jaf li, fil-fatt, hu kien qed isuq hlief "tal-karozza" li kien fiha hu; hu ma qal lil hadd,

lanqas lill-genituri tieghu, ghax beza'. Meta tqis li l-incident sehh tard bil-lejl, u l-attur, bid-daqqa spicca ma' l-art, jghajjat bl-ugiegh, hi verosimili li l-attur ma jkunx ra min kien qed isuq il-karozza li laqtitu.

Kwindi, din il-Qorti ma tarax li dan l-aggravju ta' l-appellanti jimmerita li jkun milqugh.

L-appellant Patrick Abela jilmenta wkoll mill-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti, pero`, ma gewx imressqa argumenti li jwaqqghu l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti. Jilmenta mill-fatt li l-attur ma kellux il-menomazzjoni li allega, pero`, it-tabib mediku mahtur mill-ewwel Qorti biex jghid jekk l-attur garrabx debilita` permanenti, irrelata li l-attur ghadu jsofri minn debilita` permanenti ta' 21.5%. Ebda parti ma tablet li teskuti lill-perit mediku jew tablet il-hatra ta' periti perizjuri, u f'materja hekk teknika, sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li strahet fuq ir-rapport ta' l-espert minnha nominat. L-ewwel Qorti tellghet il-figura ghal 25% wara li rat li l-espert mediku ma kienx qies id-dannu psikologiku li garrab l-attur u li setghu jiggravaw id-debilita`. Ic-cirkostanza li l-attur, emigra u sab xoghol barra minn Malta ma jeskludix li l-attur hu prekluz milli jaghmel xoghol li qabel l-incident seta' jaghmel. Il-multiplier uzat (dak ta' 30 sena ghall-attur li kellu 23 sena meta korra) hu wkoll wiehed gust u ragjonevoli, in konformita` mal-principju li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu kont tal-kontingenzi varjati tal-hajja futura (ara **"Caruana v. Camilleri"**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2004).

Kwindi, anke dan l-aggravju ta' l-appellant, qed jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti billi tichad kemm l-appell principali interpost mill-attrici, bl-ispejjez relattivi ghalih kontra taghha, kif ukoll l-appelli incidentali interposti mill-konvenuta Loren Rita Abela u mill-kjamat fil-kawza Patrick Abela, bl-ispejjez relattivi kontra taghhom, u ghalhekk, tikkonferma s-sentenza appellata fl-interezza taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------